# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI
# ONOR. IMHALLEF Dr. C. FARRUGIA SACCO B.A. LL.D.

**Seduta tad-17 ta' Jannar, 2002.**

Rikors Nru: 757/00FS

Karl Heinrich Muscat

vs

Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

**RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Karl Heinrich Muscat li bih r-rikorrent ppremetta li huwa ghandu pendenti appell kriminali u huwa qed jaghmel dan ir-rikors fuq il-fatt illi waqt l-investigazzjoni tieghu huwa ngab quddiem Magistrat fejn kien hemm dikjarazzjoni ppreparata mill-Ispettur u giet ikkonfermata mill-istess rikorrenti u dana waqt l-Inkjesta li kien qed jaghmel l-istess Magistrat.

Illi f' dak il-mument r-rikorrenti ma kienx assistit mill-ebda avukat u lanqas inghata lilu ebda dritt li jkun hekk assistit minn avukat meta il-procedura li kien qed jaghmel kienet parti mill-procedura kriminali kontra tieghu. Ma kienx hemm dubju li huwa kien il-bniedem susspettat u dak li jghid jista' jinkriminah.

Illi htiega ta' assistenza legali f'kaz bhal dan hija indispensabbli u dan anki fuq l-iskorta tal-principji stabbiliti mill-Qorti Ewropea.

Ta' min jirrileva illi anki kif inhi l-ligi llum, il-proceduri waqt l-inkjesta huma meqjusa bhala parti mill-process kriminali.

Illi l-appell illi ghalih qed issir referenza ghalih huwa dak pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Dr Patrick Vella) Il-Pulizija vs Karl Heinrich Muscat differit ghat-22 ta' Novembru 2000.

Illi dan kollu jikkostitwixxi ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-bniedem u tal-Kostituzzjoni fl-artiklu 6(3) u 39 rispettivament.

Illi dan il-fatt illeda d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, ghaliex kull difiza li jista' jaghmel hija mghobbija bil-piz tax-xhieda li ta kontra tieghu stess.

Ghaldaqstant ir-rikorrent waqt li jaghmel riferenza ghall-fatti hawn fuq esposti, u ghall-fatti aktar dettaljati li jirrizultaw, talab li din l-Qorti tiddikjara li:

[a] l-fatt li hu ta xhieda meta kien taht arrest u dan minghajr assistenza legali jilledi d-drittijiet tieghu protetti mill-Artikli 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artiklu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

[b] taghti dawk id-direttivi, ordnijiet u rimedji li jaghmlu ghall-kaz, biex tinghata l-protezzjoni mehtiega ghal din il-vjolazzjoni.

**RISPOSTA:**

Rat r-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha eccepew:

1. Illi r-rikors odjern hu irritwali u null peress li l-kwistjoni mertu tar-rikors gja giet sollevata fir-rikors ta' appell ta' l-istess Karl Heinrich Muscat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li fil-5 ta' Settembru, 2000 gie differit ghat-22 ta' Novembru, 2000 fuq talba tad-difiza u ghalhekk il-procedura korretta hi dik prevista fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-fatti kif rakkontati fir-rikors ta' Karl Heinrich Muscat huma wisq lakonici biex jissodisfaw il-vot tal-paragrafu (1) tar-regola 3 tar-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati li jesigi li r-rikors "ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment" u ghalhekk hemm lok li l-Qorti taghmel l-ordni previst fil-paragrafu (5) tar-regola msemmija.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess din l-Qorti ghandha ghat-tenur tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha f'dan il-kaz peress li r-rikorrent ma ezawrix ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu tant li kif jirrizulta mir-rikors stess promotorju tal-gudizzju l-appell tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali mid-decizjoni li sabitu hati

ghadu pendenti u hu pacifiku li sabiex tkun tista' tigi deciza allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali fl-interezza tieghu inkluz il-proceduri ta' appell.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, peress li l-proceduri kriminali ghadhom ma gewx konkjuzi, ghall-istess raguni gja fuq imsemmija li l-apprezzament ta' allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq tirrikjedi evalwazjoni tal-process fl-intier tieghu, inkluz l-proceduri f'appell, l-azzjoni odjerna hi intempestiva u ghadha tigi dikjarata tali.

5. Illi fil-mertu, minn dak li jidher mill-fatti skarsi msemmija fir-rikors, ma hemm ebda lezjoni la tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u anqas tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. L-inkjesta magisterjali ma tammontax ghal "a trial" u ghalhekk l-artikoli citati ma japplikawx ghall-proceduri ta' l-inkjesta. Ma hux minnu li l-inkjesta magisterjali huma meqjusa bhala parti mill-process kriminali. L-inkjesta hi sempliciment investigazzjoni gudizzjarja u ma hix msejha tiddeciedi l-htija o meno ta' xi persuna partikolari u ghalhekk l-artikoli 39 u 6 msemmija ma japplikawx ghal dak il-procediment.

6. Ma hux minnu li fuq l-iskorta tal-principji stabbiliti mill-Qorti Ewropea l-assistenza legali f'kaz bhal dan hija indispensabbli. Ma gie citat xejn biex jillustra din l-asserzjoni gratuwita tar-rikorrent.

Salvi sottomissjonijiet ulterjuri meta l-esponenti jkollhom informazzjoni aktar piena dwar il-kaz odjern.

**PROVI:**

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li fih semma li meta kien arrestat in konnessjoni mal-investigazzjoni tad-droga l-Ispettur Neil Harrison kien qallu li kien qed jilghab ma' 30 sena habs jekk hu ma jghidlux l-affarijiet u qallu wkoll li kemm il-darba jirrispondieh kien jghinu biex jiffranka l-habs. Dan qabel ma ghamel l-istqarrija.

Hu kien insista li r-rikorrent kellu jammetti t-traffikar u li kien responsabbli z-ziju tieghu Charles. Wara li lesta l-kitba hu qallu biex jiffirmha u hu lanqas biss qrah u ffirmah. Sa dan it-tant kien id-depot u l-ispettur Harrison kien qallu li kien ser jiehdu quddiem Magistrat biex dak l-istatement li ghamel jikkonfermah bil-gurament.

Quddiem il-Magistrat Dr. Silvio Meli l-procedura kienet li l-Magistrat beda jaqra l-istatement li kien kiteb l-ispettur Harrison u dan kien fil-presenza ta' l-ispettur Harrison li kien hemm ukoll. Il-Magistrat staqsieh jekk kienx ser jikkonfermah bil-gurament, u hu

ikkonfermah. Fl-ebda mument hadd ma qallu li kellu dritt ghall-assistenza ta' avukat.

L-ewwel opportunita' li kellu biex ikellem avukat kien meta gie ipprezentat il-Qorti quddiem il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera u dik kienet meta diga bdiet il-kawza.

Ir-rikorrent in kontro ezami stqarr li qatt ma xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati u qatt ma ghamel din it-talba. Kien assistit minn konsulent legali. Qatt ma xehed matul il-kompilazzjoni tal-provi ghax kif qal hu "ovvjament kont xehedt fl-inkjesta". Sostna li quddiem il-Magistrat Meli qatt ma xehed ghax kull darba li beda jistaqsih beda biss jghid "ehe, ehe, ehe." Sostna li kien imbezza' mill-Ispettur Harrison matul l-arrest kollu. Zied li kien l-Ispettur Harrison li propjament beda jghid "ehe, ehe, ehe" kollox quddiem il-Magistrat Meli. Mal-Magistrat Meli, l-Ispettur Harrison u r-rikorrent, deherlu li kien hemm pulizija iehor.

Ikkonferma li effettivament ma kien hemm hadd li kellu xi pistoli jew xi armi, u li ma kienx hemm xi tisbit jew xi ghajjat.

Xehed l-Ispettur Neil Harrison u kkonferma li xi zmien ilu kien mexxa l-indagini dwar Karl Heinrich Muscat fuq traffikar ta' droga. Originarjament l-investigazzjonijiet bdew fuq certu Charles Spiteri. Kienu osservaw li kien hemm wiehed li kien b' jeep Maruti tal-kiri li dan kien kulltant hin johrog mir-residenza ta' Charles Spiteri u jmur certu postijiet. L-istqarrija ta' Karl Heinrich Muscat kien hadhielu hu fil-presenza ta' P.C. 10. Cahad

kategorikament li waqt l-istqarrija qatt kien hemm xi revolvers jew xi armi ohra prezenti jew li xi hadd ghajjat mar-rikorrent. L-istqarrija saret fl-ufficcju tieghu fid-Depot. Ikkonferma li ma weghedu xejn lir-rikorrent, anzi tah t-twissija li solitu jaghtu. Nizzel dak li beda jghidlu r-rikorrent.

Dwar is-sejba kienet ghaddejja inkjesta Magisterjali u fil-fatt kien inkarigat minnha l-Magistrat Dr. Silvio Meli u fil-fatt kien gie quddiemu fl-awla tal-Magistrat Dr. Silvio Meli u xehed quddiemu viva voce jigifieri, dak in-nhar stess l-1 ta' Ottubru. Kienu prezenti l-Magistrat, id-Deputat Registratur, u r-rikorrent. Ma kienx hemm konsulent legali. Fil-fatt hadd ma weghedu xejn. F'dik l-okkazjoni kien esebixxa l-istqarrija pero` l-Magistrat Meli beda jaghmillu d-domandi hu stess. Beda jirrispondi ghad-domandi r-rikorrent.

L-ewwel xehed viva voce u mbaghad fl-ahhar il-Magistrat Meli kien qralu l-istqarrija. Ir-rikorrent beda jitkellem mhux jirrispondi biss iva. Kien l-Ufficjal Prosekutur matul il-kors tal-kumpilazzjoni u xehed fil-kumpilazzjoni.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Din il-Qorti ser ikolla l-ewwel tezamina l-ewwel erba' eccezzjonijiet li huma ta' natura procedurali, u wara jekk ikun il-kaz, tidhol fil-meritu propju li ghalih hemm il-hames u sitt eccezzjonijiet.

***L-artikoli 46 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni – L-ewwel eccezzjoni***

L-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija li “r-rikors odjern hu irritwali u null peress li l-kwistjoni mertu tar-rikors gja giet sollevata fir-rikors ta' appell ta' l-istess Karl Heinrich Muscat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li fil-5 ta' Settembru, 2000 gie differit ghat-22 ta' Novembru, 2000 fuq talba tad-difiza u ghalhekk il-procedura korretta hi dik prevista fis-subartikolu (3) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.”

L-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni jghid:

(3) Jekk f’xi proceduri f’xi qorti li ma tkunx il-Prim’Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) , dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taggha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizzjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta’ dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizzjoni.

Issa fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Lulju, 1985 fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet “Anthony Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et” u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta’ Lulju, 1989 il-Qorti qalet:

“Dawn iz-zewg proceduri ma humiex limitazzjoni ta’ xulxin izda paralleli ta’ xulxin. Aktar u aktar li l-ewwel inciz ta’ l-Artikolu 47 (illum 46), li jikkontempla l-ewwel procedura, jghid car u tond li dik il-procedura ssir minghajr pregudizzju ta’ kwalsiasi azzjoni ohra fir-rigward ta’ l-istess materja li tkun possibbli legalment. Jekk hemm xi proceduri ohra quddiem

xi Qorti ohra, it-tielet inciz ta' l-Artikolu 47 (illum 46) ikun jista' japplika fil-kuntest ta' dawn il-proceduri meta ovvjament il-Qorti tkun trid tikkonsidra sew kemm tkun frivola u vessatorja t-talba li tkun qed issirilha ghal riferenza taht dak l-inciz. Izda l-fatt li dak l-inciz jista' jkun kontemplat, ma jwassalx ghal xi nullita' ta' proceduri ordinarjament kontemplati ghall-harsien tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem."

Fis-sentenza fl-ismijiet "Edgar Blundell vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" deciza fl-20 ta' Marzu, 2000 intqal:

"Kull interpretazzjoni ohra tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, inkluza dik estensiva li tittanta ttiha l-appellanti li tiznatura l-veru portata ta' dan is-subinciz li hu strettament arginat fil-parametri tal-kwistjoni kostituzzjonali li tkun qamet quddiem Qorti ohra u ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u kull konsiderazzjoni minn dawn il-Qrati, kellha tkun strettament fil-limiti tal-kwistjoni imqanqla in kwantu rilevanti ghall-mertu taht ezami u fit-termini precizi espressi fir-riferenza.

Sewwa li jsiru dawn ir-riflessjonijiet fuq dan is-subinciz mahsuba biex jaghtu rizalt lil certi aspetti tieghu, kultant injorati.

(a) Ir-"raison d'être" wara dan is-subinciz hu li l-Kostituzzjoni trid tassigura li kull meta tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu, din tigi dejjem epurata u definita mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan kjarament biex jigi assigurat li f'materja ta' din ix-xorta, ikun hemm dejjem interpretazzjoni awtorevoli u applikazzjoni uniformi ta' dawn id-disposizzjonijiet.

(b) Dan is-subinciz hu mahsub ukoll biex jassigura illi kull Qorti ohra li ma tkunx il-Qorti Civili Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, kienet obbligata li tiddisponi mill-kwistjoni Kostituzzjonali skond ma jkun gie deciz mill-organi gjudizzjarji

kostituzzjonali u cioe' l-Prim'Awla u l-Qorti Kostituzzjonali li f'din il-materja kellhom gurisdizzjoni esklussiva.

(c) L-obbligu ta' kull Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali li tirreferi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi provvediment protettiv tal-jeddijiet fondamentali lill-Qorti Civili Prim'Awla hu kontro-bilancjat bl-obbligu ta' din il-Qorti li taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni tax-xorta konsidata b'dan is-subinciz mibghuta quddiemha minn kull Qorti ohra. Infatti, s-subinciz (3) jghid espressament illi, dik il-Qorti (cioe` l-Prim Awla) ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-sub-artikolu.

(d) Hu pero' aktar minn car mid-dicitura ta' dan is-subinciz li tali kwistjoni kostituzzjonali kellha tkun materjalment u instrinsikament konnessa mal-mertu pendenti quddiem il-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza. Tant, illi d-decizjoni dwarha mill-Prim'Awla jew eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali f'kaz li jsir appell, kienet torbot lill-Qorti li kienet ghamlet riferenza. Tant, illi l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni, kellha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.

(e) Din ir-rabta inxindibbli bejn il-kwistjoni kostituzzjonali li tkun qamet u li tkun tirrikjedi riferenza u l-mertu fil-proceduri pendenti quddiem xi Qorti lil ma tkunx Prim'Awla jew Qorti Kostituzzjonali, hi ta' l-essenza ta' dan is-subinciz kif hi wkoll ta' l-essenza li r-riferenza li kellha ssir minn dik il-Qorti quddiem il-Prim'Awla, kellha tirrifletti bi precizjoni l-kwistjoni li tkun qamet quddiemha, li fil-fehma taghha t-tqanqil taghha ma kienx sempliciment frivolu jew vessatorju, u wkoll li din kienet tirrikjedi li tigi determinata mill-Qorti kompetenti qabel ma setghet tipprocedi bis-smiegh tal-proceduri quddiemha u bid-determinazzjoni ta' dak il-mertu. Dan proprju ghaliex biex tiddetermina u tiddeciedi dak il-meritu, hi kienet tehtieg qabel xejn id-direzzjoni ta' l-organu gjudizzjarju kompetenti fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha, liema decizjoni kienet marbuta ssegwi.

(f) Minn dawn l-osservazzjonijiet, hi inevitabbli l-konkluzjoni illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija prekluza milli tikkonsidra kwistjoni jew xi aspett ta' xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protetti tal-libertajiet fondamentali jekk

din ma tkunx espressa fit-termini ta' riferenza lilha maghmula. Kif kienet ukoll prekluza milli tikkonsidra l-kwistjoni dwar ksur ta' xi wahda minn dawk id-disposizzjonijiet lilha riferita, jekk din ma tkunx rilevanti u tkun ghal kollox estraneja ghall-mertu tal-proceduri li fihom il-kwistjoni tkun giet imqanlqa, u li allura decizjoni dwarha ma tkunx tenhtieg biex il-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza tkun tista' tiddisponi mill-mertu. F'dan ir-rigward, hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellat illi l-ghan ta' riferenza ma kienx li l-Qorti tiddetermina l-vertenza bejn il-partijiet, izda biss lil tivvalja l-kostituzzjonalita' tal-kwistjoni jew kwistjonijiet li jkunu qamu quddiem dik il-Qorti l-ohra. F'dan ir-rigward ghalhekk il-Prim'Awla ma seghtetx tiskosta ruhha mit-termini ta' riferenza ghaliex b'hekk tkun qeghda tmur 'il barra mill-gurisdizzjoni taghha. U dawk it-termini ta' riferenza ma setghux jestendu lil hinn mil-limiti ta' kif il-kwistjoni kostituzzjonali imqanqla setghet tolqot il-mertu quddiem il-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza.

F'dan il-kuntest, jidher li hemm lok li tigi kjarifikata l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fil-kawza fl-ismijiet "Alan Mifsud et vs l-Avukat Generali et" deciza fit-23 ta' Novembru, 1990. F'dik is-sentenza, din il-Qorti kkonsidrat illi:- "Il-Qorti tifhem li l-posizzjoni procedurali korretta li nholqot mill-provvedimenti kostituzzjonali, hi fis-sens li kull persuna, li waqt xi prociediment quddiem xi Qorti - li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjoni - jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali li - dik il-persuna trid taghzel - jew li tipprocedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibghat l-istess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Meta tinghazel din it-triq ta' riferenza, il-persuna tkun qeghda effettivament tinkorri riskju procedurali li dik il-Qorti tiddeciedi li l-kawza tieqaf hemm jekk tigi konsidrata bhal frivola u vessatorja. Altrimenti, d-disposizzjonijiet kostituzzjonali u procedurali fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza......."

Sewwa jigi sottolinejat pero' li filwaqt li huwa possibbli ghall-parti li d-dritt taghha fundamentali ikun gie lez jew ikun mhedded li jigi lez li tissolleva l-kwistjoni kostituzzjonali quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, is-subinciz 3 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma jipprospettax dan bhala opzjoni alternattiva ghal dik il-

persuna, kif kellu jipprocedi biex jipprotegi d-dritt fondamentali tieghu. Mhuwiex precizament il-parti li taghzel it-triq ta' riferenza. Hu obbligu tal-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni u li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali li taghmel ir-riferenza imma ma hemmx xejn x'jimpedixxi li tali kwistjoni kostituzzjonali tigi sollevata mill-parti l-ohra jew mill-istess Qorti. Una volta dik il-Qorti tikkonstata li l-kwistjoni kostituzzjonali li tqanqlet ma kenitx wahda sempliciment frivola u vessatorja, hi kienet marbuta li taghmel ir-riferenza u dana indipendentement mill-volonta' tal-kontendenti. Riferenza essenzjali biex hi tkun tista' tiddetermina l-kwistjoni kostituzzjonali involuta fil-mertu quddiemha, skond kif deciz mill-Prim' Awla u eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali. Riferenza li, stricto iure hi kienet obbligata li taghmel allura anke fil-kaz ta' opposizzjoni tal-partijiet jew xi wahda minnhom."

Ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza moghtija fil-31 ta' Lulju, 2000 fl-ismijiet Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali u Prim' Ministru, dwar dan l-aspett il-Qorti kkonkludiet li:

"Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq premessi, il-Qorti tittanta tirrintracca dik li fil-fehma taghha ghandha tkun l-interpretazzjoni gusta u fidila tad-disposizzjonijiet taht ezami.

1. L-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, tista', bla hsara ghal kull azzjonii ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Din il-Qorti kellha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem din il-Qorti. La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kap 319 ma jipprovdu ghal sitwazzjonijiet li fihom l-operat ta' dawn il-Qrati jista' b'xi mod jigi intralcjat b'xi proceduri gudizzjarji quddiem xi Qorti ohra jew minnha sindakat jew li b'xi mod il-process gudizzjarju

quddiemhom seta' jigi interrott jew sospiz minhabba xi decizjoni ta' xi Qorti jew organu gjudizzjarju iehor. Dan hu principju fondamentali ta' l-ordinament gjuridiku u hu car u indiskuss illi l-awtorita' ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali hi mhux biss esklussiva ta' l-awtorita' ta' kull organu gjudizzjarju iehor imma wkoll l-ahhar u l-aqwa garanzija tal-jeddijiet fundamentali ta' l-individwu.

2. Il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 ma jimponu l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' access ta' l-individwu lil dawn l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali biex jassiguraw it-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi li jassigurawlhom il-jeddijiet fondamentali taghhom. Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt, anke jekk maghmul bl-ahjar intenzjonijiet biex suppost jiffacilita l-process gjudizzjarju ma jista' jigi accettat jew tollerat. L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita' mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel.

Sewwa jinghad, biex proprju jigi sottolinejat kemm hu sagru l-principju ta' access dirett ta' kull persuna ghall-organi gjudizzjarji kostituzzjonali illi fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita' illi r-rikors lil dawk l-organi ikun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3) taht ezami u thalli allura lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-liberta' pjena biex tiddisponi mir-rikorsi quddiemha kif l-ahjar tifhem hi fl-interess ta' l-individwu.

3. Filwaqt li ghandu jkun ovvju illi s-subinciz 1 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319 ma jimponu l-ebda limitazzjoni fuq l-access b'rikors lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali <u>qabel</u> ma jkun hemm introdotti quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali li fihom ikun b'xi mod involut il-mertu kostituzzjonali gja

quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali, lanqas tirrizulta limitazzjoni simili fil-kaz fejn tali rikors mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali ikun sar wara li jkun bdew proceduri quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali u li fihom il-mertu tar-rikors kostituzzjonali ikollu rilevanza. Jekk il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 ma kienux bis-subinciz 1 jimponu tali limitazzjoni li tivvjeta access dirett lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-kaz fejn il-mertu ta' l-ilment kostituzzjonali ikun diga' ingieb a konjizzjoni ta' xi Qorti ohra, ma kienx lecitu li tali limitazzjoni tigi imposta permezz ta' process intepretattiv inutili u inaccettabbli. Inutili ghaliex id-disposizzjonijiet taht ezami kienu cari kemm fil-kelma kif ukoll fl-ispirtu u inaccettabbli ghaliex ikunu jfissru menomazzjoni serja tad-dritt ta' l-individwu ghal access lill-organi kompetenti biex jipprotegu l-jeddijiet fondamentali tieghu.

4. Ghall-istess raguni u ghar-ragunijiet fuq elaborati lanqas jigi accettat illi l-individwu interessat jigi rinfaccjat b'ghazla ta' triq procedurali li kellu jaghzel meta la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kap 319 ma kienet timponi fuqu din l-ghazla. Ghazla li kienet tippregudika lill-individwu imma setghet ukoll tippregudika l-mertu fil-process quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzjonali. Din il-Qorti allura ma taqbilx ma' dak sottomess mill-Avukat Generali illi l-procedura li beda r-rikorrent permezz tar-rikors tieghu ai termini ta' l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 kienet zbaljata ghaliex, skond hu, din il-procedura bir-rikors direttament quddiem din il-Qorti necessarjament u guridikament setghet tigi adoperata biss meta ma jkunx hemm diga' inizjati l-proceduri relattivi quddiem xi Qorti jew awtorita' kompetenti li tiggudika skond il-ligi cioe' meta r-rikorrent li qed jallega ksur ta' xi dritt fondamentali ma jkunx f'posizzjoni li jqajjem dik il-kwistjoni quddiem xi Qorti jew tali awtorita'. Din is-sottomissjoni hi ghal din il-Qorti fondamentalment skorretta u potenzjalment perikoluza ghax tintroduci limitazzjoni gravi fil-protezzjoni tal-jeddijiet fondamentali li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni fortunatament ma jipprevedux.

5. Din il-Qorti allura tirribadixxi illi z-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin izda paralleli ma' xulxin skond kif

minnha konsidrat fil-kaz Anthony Coreschi fuq riportat. Fil-waqt illi fis-subinciz 1 il-legislatur ried li jipprovdi l-mezz ordinarju spedit kif l-individwu seta' jagixxi quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-process li kellu jiehu l-kors tieghu minghajr intralc u ghal kollox indipendenti minn kull procedura gjudizzjarja ohra, is-subinciz 3 kien mahsub biex jipprovdi kif kellha tagixxi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla u l-Qorti Kostituzzjonali jekk quddiemha tigi imqanqla xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali. Dan ifisser li fil-waqt li s-subinciz 1 kien jaghti lill-individwu l-jedd ta' access lill-Qorti biex jassigura l-harsien tal-jeddijiet fondamentali tieghu, s-subinciz 3 ma kien jaghti l-ebda dritt lill-individwu imma kien jimponi fuq il-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali kif kellha tagixxi jekk kwistjoni ta' din ix-xorta tigi imqanqla fi proceduri quddiemha. Kienet allura disposizzjoni ta' indole prettament procedurali mahsuba biex tassigura mill-banda wahda l-harsien tal-jedd fondamentali billi dik il-Qorti tkun marbuta biex tiddisponi mill-kwistjoni skond id-decizjoni ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tassigura li ma jkunx hemm intralc tal-process quddiemha sempliciment bit-tqanqil tal-kwistjoni velatament kostituzzjonali imma li tkun sempliciment wahda frivola u vessatorja.

6. Il-kwistjoni allura fid-dawl tas-suespost tirrisolvi ruhha mhux f'ezami dwar jekk ir-rikorrent ipprocediex bil-procedura gusta biex jassigura l-harsien tal-jeddijiet fondamentali tieghu - dan ma kellux jigi kontestat ghaliex l-ezercizzju tal-jedd moghti fis-subiciz 1 kien fil-fehma ta' din il-Qorti bla limitu - imma dwar kif Qorti li quddiemha qamet il-kwistjoni kostituzzjonali - jekk qamet - u li ma kenitx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali kellha tagixxi fit-termini tas-subinciz 3 taht konsiderazzjoni. Mertu dan illi jesorbita mit-termini ta' dan l-appell in kwantu din il-Qorti ghadha qeghdha tigi investita bl-eccezzjoni ta' l-intimati illi din il-kawza ma kellhiex tigi inizjata b'rikors izda b'riferenza kif jipprovdi s-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319. Dan ghaliex skond l-intimati l-procedura permezz ta' rikors ma jistghux jorbtu l-Qorti tal-Magistrati li quddiemha u fil-konfront taghha qed jintalab rimedju b'dan ir-rikors. Eccezzjoni li qed tigi michuda ghaliex din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta' l-appellati illi r-rikors ta' l-appellant quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili a

tenur tas-subinciz 1 kien  wiehed irritwali ghax il-kawza kellha tigi bil-fors inizjata b'riferenza ai termini tas-subartikolu 3.

Huwa veru illi fil-proceduri inizjati b'rikors ai termini tas-subinciz 1, id-decizjoni tal-Prim'Awla u tal-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx awtomatikament torbot lill-Qorti tal-Magistrati li quddiemha l-appellant kien ghaddej proceduri kriminali.  Dan naturalment b'mod specifiku in kwantu s-subinciz 3 li jimponi fuq il-Qorti li ssegwi d-decizjoni ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali  hu limitat ghall-kazijiet fejn dik il-Qorti taghmel riferenza.  B'mod aktar generiku, pero', ghandu jinghad  illi l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali kellhom il-poter li jaghtu kull rimedju xieraq u adegwat biex iwettqu jew jizguraw it-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali.  Rimedji li setghu jinkludu ordnijiet u direttivi li kull persuna u organu, inkluz dak gjudizzjarju, kellu l-obbligu li jsegwi u jobdi.  F'dan is-sens lat allura Qrati ohra li ma jkunux il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzjonali ma setghux impunement u leggerment jinjoraw jew jitraskuraw decizjonijiet ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali mahsuba biex jassiguraw it-twettiq tal-jeddijiet fondamentali.  Certament pero', Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali illi quddiemha ma tqumx kwistjoni kostituzzjonali li fuqha taghzel li taghmel riferenza, ma kellha l-ebda obbligu li tissopressjedi  u tistenna l-ezitu u d-decizjoni dwarha mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fuq talba b'rikors maghmula direttament quddiemha.  Dan l-obbligu jirrizulta biss fi proceduri provokati fit-termini tas-subinciz 3 taht ezami u hu limitat biss ghall-kwistjoni kostituzzjonali.  Dan ifisser illi dik il-Qorti l-ohra setghet u kellha tipprocedi biss smiegh tal-kawza quddiemha fejn u sakemm dan ikun konsentit min-natura tal-kwezit kostituzzjonali, quddiemha imqanqal u minnha riferit.

7.  Meta ghall-kuntrarju Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tkun informata illi quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali kien gie intavolat rikors dwar xi kwistjoni li tinvolvi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali li seta' kellu rilevanza ghall-proceduri quddiemha u kellha allura f'dan ir-rigward talba biex tissoprassjedi sakemm dak il-mertu jigi deciz mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali, hi ma setghetx u ma kellhiex tikkonsidra tali talba fid-dawl tas-

subinciz 3 in kwantu l-kwistjoni dwar il-ksur tal-jedd fondamentali ma tkunx strettament qamet quddiemha izda tkun qamet quddiem l-organu gjudizzjarju kostituzzjonali. Ma kellha allura l-ebda jedd tinvestiga jekk it-tqanqil tal-kwistjoni kienx sempliciment frivolu jew vessatorju una volta tali mertu ma kienx tqanqal quddiemha u lanqas ma kienet obbligata li tissoprassjedi sakemm tali mertu jigi purament deciz mill-organi kompetenti. Dik il-Qorti kellha allura tqis it-talba ghas-soprasessjoni bhal kull talba ohra ta' din ix-xorta quddiem il-Qrati ordinarji u bl-applikazzjoni tar-regoli procedurali applikabbli f'kazijiet ta' din ix-xorta. Tenut kont ukoll tal-principju li l-kontestazzjoni kostituzzjonali ma kellhiex necessarjament twassal ghas-sospensjoni tal-proceduri quddiem il-Qrati ordinarji li kienu tenuti u obbligati japplikaw in-normi tal-ligijiet vigenti sakemm dawn ma jkunux gew validament impunjati…"

Wara li ezaminat dawn is-sentenzi din il-Qorti tista' tghid li l-posizzjoni taht il-ligi taghna hi hekk:

Il-Kostituzzjoni trid tassigura li kull meta tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu, din tigi dejjem ezaminata w definita mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew mill-Qorti Kostituzzjonali. L-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, tista', bla hsara ghal kull azzjonii ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Inoltre jekk il-Qorti tikkonstata li hemm kwistjoni li tqajmet u din mhux semplicement frivola jew vessatorja, il-Qorti hi marbuta li taghmel ir-referenza indipendentement mill-volonta' jew anke opposizzjoni tal-

kontendenti. Decizjoni mill-Prim'Awla jew eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali f'kaz li jsir appell, dwar xi kwistjoni sollevata u li fuqha saret referenza lill-Prim'Awla minn xi Qorti, torbot lill-Qorti li kienet ghamlet riferenza. Il-Prim'Awla ghandha tibqa' fit-termini ta' referenza maghmula lilha.

Dawn iz-zewg proceduri ma humiex limitazzjoni ta' xulxin izda paralleli ta' xulxin. Il-Prim'Awla ghandha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt. L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita' mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel. Fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita' li r-rikors lil dawk l-organi ikun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3) .

Issa mis-suespost jirrizulta car li r-rikorrent fil-kawza odjerna kellu kull dritt li jistitwixxi l-proceduri prezenti u bil-forma li ghamilhom. Li wiehed jargumenta bil-maqlub ikun qieghed

johnoq id-drittijiet fundamentali li tant huma importanti ghalina. Ghal dawn il-motivi tichad din l-ewwel eccezzjoni.

***Regoli tal-1993 dwar il-Prattika u Procedura tal-Qorti – 3 (1)***

It-tieni eccezzjoni tal-intimat hi bazata fuq li l-fatti kif rakkontati fir-rikors ta' Karl Heinrich Muscat huma wisq lakonici biex jissodisfaw il-vot tal-paragrafu (1) tar-regola 3 tar-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati li jesigi li r-rikors "ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment" u ghalhekk hemm lok li l-Qorti taghmel l-ordni previst fil-paragrafu (5) tar-regola msemmija.

Din il-Qorti thoss li dwar din l-eccezzjoni ma ghandiex tahli wisq hin ghax jekk dak li hemm espost hu sufficjenti biex b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment jirrizulta b'mod car dan ghandu jkun sufficjenti. Hawn qedghin nitkellmu fuq drittijiet fundamentali u mhux sewwa li l-Qorti tintilef f'hafna proceduri biex tara jekk dawn id-drittijiet humiex qedghin jinkisru jew le. Jekk qedghin jinkisru hija haga serja hafna; minn-naha l-ohra ma jistax rikorrent jabbuza b'talbiet frivoli jew vessatorji. F'dan il-kaz il-Qorti thoss li fir-rikors hemm fatti sufficjenti biex il-Qorti tezamina l-ilment. Ghal dawn il-motivi ukoll tichad din l-eccezzjoni.

***L-art 46 (2)***

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina it-tielet eccezzjoni. Din eccipiet li din l-Qorti ghandha ghat-tenur tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tiddeklina milli

tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha f'dan il-kaz peress li r-rikorrent ma ezawrix ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu…

Din il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "Angelo Spiteri vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza fit-22 ta' Ottubru, 1998 fejn qalet hekk:

"Il-Kummissarju tal-Pulizija ssostna li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fit-termini li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Kap 319 gsimili ghall-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjonih stante li r-rikorrent mhux talli ghandu rimedju ordinarju u effettiv biex jisfida decizjoni amministrattiva izda talli qed joperah permezz ta` kawza li istitwixxa kontra l-istess intimati u li ghadha pendenti. L-Awtorita' dwar it-trasport pubbliku issollevat l-istess eccezzjoni fil-bidu tar-risposta taghha.

Il-proviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jghid:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali

ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et insibu:

"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet "Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija" u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru."

Inoltre sejra tikkwota lil Qort Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Lawrence Cuschieri vs L-Onor Prim Ministru et" deciza fis-6 ta' April, 1995 fejn intqal:

"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Jinghad li minn-natura stess tat-talba r-rimedju mitlub huwa wiehed ta' natura kostituzzjonali. Ma jidhirx li l-mezzi ordinarji disponibbli setghu jwasslu lir-rikorrent ghal dak li jixtieq. Hu veru li d-diskrezzjoni tal-Qorti ma ghandiex tigi ezercitata b'mod kapriccuz jew legger, u li sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi

rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, izda meta dan ma hux il-kaz dan mhux applikabbli.

Issa fil-kaz in ezami hemm jew kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju favur ir-rikorrent ghal ksur allegat skond xi ligi ohra? Ghax jekk hemm jew kien hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, dawn ghandhom jew messhom gew adoperati. Fil-fehma tal-Qorti dan mhux il-kaz u din l-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-talba tar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi tichad din l-eccezzjoni.

***L-intempestivita' tal-azzjoni:***

Ir-raba' eccezzjoni hi bazata fuq li peress li l-proceduri kriminali ghadhom ma gewx konkjuzi, ghall-istess raguni gja fuq imsemmija li l-apprezzament ta' allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq tirrikjedi evalwazjoni tal-process fl-intier tieghu, inkluz l-proceduri f'appell, l-azzjoni odjerna hi intempestiva u ghadha tigi dikjarata tali.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Hu veru li l-process intier ghadu ma giex konkjuz izda jekk isir dan wiehed ikollu jasal illi dejjem fil-kawzi kostituzzjonali wiehed ghandu jmur l-ahhar haga. Hu veru li jekk hemm rimedji ohra disponibbli r-rikorrent ghandu l-ewwel jipprova lilhom. Izda dak sottomess mir-rikorrent minn-natura tieghu ma jistax jigi milqugh minn xi Qorti ohra hlief mil-Prim'Awla jew mill-Qorti Kostituzzjonali. L-apprezzament li

trid taghmel il-Qorti tal-Appell Kriminali naturalment ikun wiehed differenti jekk it-talba tar-rikorrent tigi milqugha u din hi propju r-raguni ghaliex ir-rikorrent ghamel ir-rikors odjern. Ghalhekk il-Qorti tichad ukoll din ir-raba eccezzjoni.

***Il-meritu tar-rikors:***

L-intimati eccipew li ma hemm ebda lezjoni la tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u anqas tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. L-inkjesta magisterjali ma tammontax ghal "a trial" u ghalhekk l-artikoli citati ma japplikawx ghall-proceduri ta' l-inkjesta. Ma hux minnu li l-inkjesta magisterjali huma meqjusa bhala parti mill-process kriminali. L-inkjesta hi sempliciment investigazzjoni gudizzjarja u ma hix msejha tiddeciedi l-htija o meno ta' xi persuna partikolari u ghalhekk l-artikoli 39 u 6 (3) msemmija ma japplikawx ghal dak il-procediment.

Minn dak li hemm fir-rikors u mid-deposizzjoni tar-rikorrent, u trattazzjoni orali tal-konsulent legali tar-rikorrent jidher car li dak li qieghed isostni r-rikorrent hu dwar il-fatt li ma kienx assistit matul l-arrest tieghu u l-inkjesta minn Avukat. Ghalkemm aktar ‘l fuq din il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni dwar li l-fatti huma wisq lakonici, [u dan minhabba l-fatt li thoss li f’materja ta’ drittijiet fundamentali ma tantx ghandha twarrab talba facilment] minn-naha l-ohra huwa propju fl-interess tal-istess rikorrent li jekk hu jrid isostni adegwatament kawza li jindika specifikament l-parti partikolari tal-ligi li qieghed jibbaza l-ilment tieghu fuqu. Meta l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jabbraccja tant principji fundamentali mhux sufficjenti li r-rikorrent semplicement jwaddab l-artikolu 39

fit-talba u jhalli lill-Qorti taghmel fishing expedition biex forsi jirnexxila tistadd bl-isperanza li taqbad xi huta ghalih.

F'dan l-istadju din il-Qorti sejra tikkwota fit-tul minn sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta propju illum fl-ismijiet "Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech vs Direttur Generali u Registratur tal-Qorti et fejn intal:

***Artikoli relevanti***

Is-sezzjonijiet tal-ligi relevanti ghal kaz in ezami huma:

Kostituzzjoni:

**39.** (1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.

(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi Civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

L-Ewwel Skeda Artikolu 6

(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti

minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

L-artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea jibda hekk:

Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

***Natura tal-Inkjesta Magisterjali***

Fuq rapport, denunzja jew kwerela, li fuqhom ghandhom isiru proceduri, maghmula lill-Pulizija Ezekuttiva jew lil Magistrat, ghandhom jibdew proceduri. Jistghu isiru accessi, jinstemghu xhieda, jigu elevati oggetti, nominati esperti biex jaghmlu ezamijiet tal-istess oggetti u jigu preparati rapporti. Il-Magistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt l-access jikxef li hija hatja, jew li kontra taghha jkunu ingabru indizji bizzejjed. Jista' jordna l-qbid ta' oggetti u tfittxija f'postijiet – 554. Bazikament l-inkjesta tal-Magistrat hi intiza ghall-preservazzjoni tal-provi u hu b'mod eccezzjonali illi l-magistrat jezercita l-poter tieghu taht l-artikolu 554 (1) tal-Kodici u jordna 1-arrest. Suggett materjali tar-reat ghandu jigi deskritt bid-dettalji kollha wiehed wiehed u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett. Waqt l-access jistghu jittiehdu ritratti. Jistghu jinstemghu diversi xhieda u dawn ghandhom jigu mdahhla fil-process verbal. Izda inkjesta ssir fil-maghluq b'segretezza kbira, fejn sahansitra xhud ma jkunx jaf x'qed jghid xhud iehor dwaru, fejn la jidhlu avukati, fejn lanqas isir kontroll ta' xhieda jew kontro-ezami minn

avukati u fejn kollox isir b'riserva u diskrezzjoni kbira. Meta inkjesta tkun ghadha miexja ebda persuna ma tkun ghadha giet akkuzata b' reat. Infatti Magistrat huwa obbligat li jieqaf milli jkompli bl-investigazzjoni tieghu meta jigi nfurmat li persuna jew persuni gew imressqa jew sejrin jitressqu akkuzati bir-reat relattiv. L-inkjesta Magisterjali b' ebda mod ma tista' tkun kunsidrata bhala "a trial" izda kostatazzjoni ta' fatti, ghalkemm il-Magistrat spiss jesprimi opinjoni *prima facie* dwar jekk ghandhomx jittiehdu proceduri fil-konfront ta' persuna jew persuni in konnessjoni ma' xi reat. L-artikolu 550 (5) jsemmi li l-process verbal ghandu jkun fih paragrafu finali bil-konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti. Il-process verbal maghmul regolarment jista' jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza. L-atti ghandhom jintbaghtu mill-Magistrat lill-Avukat Generali li jiddecidi jekk hemmx ragunijiet sufficjenti biex jipprocedi. Jekk l-Avukat Generali jiddecidi li ma ghandux isir xejn aktar kollox jieqaf hemm indipendentement mill-opinjoni li jkun esprima il-Magistrat. Jistghu anke jittiehdu passi kontra persuna ohra minn dik indikata mill-Magistrat.

F'kaz ta' guri, jew kumpilazzjoni jinghad li bniedem ghadda guri, jew kumpilazzjoni. Izda f'kaz ta' inkjesta mhux legalment ezatt u korrett dak li jghid ir-rikorrent fl-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu u cioe' illi hu 'kien ghaddej inkjesta'; fil-verita' tkun qed issir inkjesta dwar allegazzjonijiet illi jinvolvu lir-rikorrent. Dak li qed jigi indagat u investigat fl-inkjesta hu l-veracita' ta' l-

allegazzjonijiet li setghu saru fil-konfront tar-rikorrent u biex jigi determinat jekk hemmx tracci jew elementi ta' xi reat li ghalih xi persuna (jista' jkun kemm ir-rikorrent kif ukoll xi persuna ohra inkluz min ghamel l-allegazzjonijiet) tista' tkun mitluba tirrispondi ghalihom. Fl-inkjesta ma ssir qatt aggudikazzjoni dwar il-htija o meno ta' xi indagat. Dan kollu jwassal ghall-fatt li inkjesta jew investigazzjoni mhix ekwivalenti ghal akkuza jew process kriminali – ossija f'dak l-istadju ma jkunx hemm persuna akkuzata b'reat krimianli kif jitlob l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

***Il-Pulizija versus Longinu Aquilina***

Ir-rikorrent ghamel referenza ghall-kaz "Il-Pulizija versus Longinu Aquilina" deciz fit-23 ta' Jannar 1992 (Vol. LXXVI pagni 23 et). F'dik il-kawza gie ritenut li persuna hija protetta taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni anke fil kors tal-inkjesta. Saret referenza ghal De Weer Case - 27/2/80 fejn issemma li wiehed ghandu joqghod fuq is-"'substantive' rather than 'formal' conception of the charge" kif ukoll ghall-Huber case -1975, u Erkle Case - 1982 fejn gie enfasizzat li r-"relevant stage is that at which the situation of the person concerned has been substanially affected as a result of the suspicion against him." Fl-istess sentenza giet kwotata dik il-parti tal-ktieb ta' P Van Dyke & Van Hoof li semmiet li "not in all cases is it possible to start from the moment at which the person is officially indicted, for even before that he may have realised

that he is suspected of a criminal offence, so that from that moment he has an interest in that a decision about this suspicion may be made by the court". F'din il-kawza gie ritenut li f'Malta wkoll jekk f'inkjesta timmaterjalizza sal-punt li c-cittadin jirrealizza illi s-suspett fir-rigward tieghu kien qed ikun sostnut b'mod li jista' jwassal ghall-akkuza fir-rigward tieghu, illi japplikaw il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea protettivi tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq u gust. Gie ritenut li dawn il-provvediment japplikaw fil-mument meta l-Magistrat jordna li jittiehdu l-impronti tas-swaba ta' persuna indizjata bir-reat avolja sa dak il-mument ma jkunx ghadu gie formalment akkuzat bih.

Din il-Qorti taqbel mall-Avukat Generali li jekk wiehed jistudja sew dak l-kaz jinduna li 1-konkluzjonijiet ta' din id-decizjoni mhumiex korretti. F'pagna 34 ta' l-istess volum, li jikkwota s-sentenza hemm kwotazzjoni mill-ktieb ta' Van Dyke u C.J.H. Van Hoof 'Theory and Practice of the European Convention on Human Rights". Il-bran ccitat mill-Qorti Maltija jidher f'pagna 329 fejn l-awturi kienu qed jezaminaw minn fejn wiehed ghandu jqis iz-zmien ragonevoli biex wiehed jara jekk il-haqq sarx fi zmien ragonevoli. Fil-fatt is-subparagrafu 13 a fol 329 ta' 1-istess ktieb li tahtu taqa' din is-silta tibda hekk:

"13. Subsequently, Article 16 stipulates in its first paragraph that the hearing of the case must take place within a

reasonable time. Just as with regard to these same words in Article 5 (3) this raises the difficult question as to what criteria have to be applied for the assessment of what is reasonable, and also what period should be taken into account in this respect." (pagna 328)

Il-Qorti zbaljatament ikkonkludiet li l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni tibda mill-investigazzjoni mill-Pulizija u fil-kaz ta' Malta, anki mill-Magistrat li jkun qed jikkonduci inkjesta. (pagna 34)

Kif sewwa qal l-Avukat Generali fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu "Bir-rispett kollu, l-Qorti kienet qed thallat haga m'ohra. Altru tqis id-dewmien tal-proceduni u altru tqis jekk il-kelma 'criminal charge' tikkomprendix investigazzjoni. Kif l-esponent juri aktar l-isfel f din in-nota, il-Kummissjoni Ewropea hadet linja differenti ghal kollox meta kienet qed tqis il-kelma 'criminal charge' (ara pagna 309 ta' l-istess ktieb). Jekk wiehed jaqra iz-zewg siltiet f'daqqa jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li waslet ghaliha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Longinu Aquilina.

Li kieku 1-kelma 'criminal charge' tikkomprendi wkoll investigazzjoni mill-Pulizija, kieku l-Pulizija Esekuttiva trid ikun indipendenti u imparzjali, trid tkun tribunal, u trid taghmel inkjesta fil-pubbliku — haga li mhux biss mhix indikata izda kompletament impossibbli jekk wiehed irid li l-investigazzjoni ssir bla ma jigu ntralcati 1-provi.

Dan jidher aktar car f'pagna 314 ta' l-istess ktieb fejn jinghad:
"Since Article 6 is applicable only to procedures which result in a determination of a criminal charge, a procedure by which a preventive detention may be imposed on the mere ground of an existing suspicion, without being necessary to establish whether this suspicion is well-

founded, is outside the scope of this provision….. Finally extradition procedures are held, thus far, not to be covered by Article 6 on the ground that 'determination' involves the full process of an individual's guilt or innocence of an offence, and not the mere process of determining whether a person can be extradited to another country.
Jekk skond is-silta t'hawn fuq l-Artikolu 6 mhux applikabbli ghall-proceduni ta' estradizzjoni, *multo magis* dan ma japplikax ghal semplici inkjesta.

***Akkuzat b'reat kriminali***

Fil-kaz De Weer versus Belgium (Series A No. 35) pagna 24, panagrafu 46, il-kelma 'charge' kienet definita mill-Qorti Ewropea hekk:

"The 'charge' could for the purposes of Article 6 (1) be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence. In several decisions and opinions the Commission has adopted a test that appears to be fairly closely related, namely whether the "situation of the suspect has been substantially affected."

Fl-applikazzjoni numru 4649/70 X vs the Federal Republic of Germany (3rd May, 1974) (Collection of Decisions 46 page 18) Il-Kummissjoni Ewropea qalet:

"As regards the alleged violation of Article 6 (1), the period to be taken into consideration begins, according to the case-law of the European Court of Human Rights (see the Wemhoff, Neumeisten and Ringeisen cases, judgements of the 27th June 1968 and of the 16 th July, 1971) with the date on which a person is charged and, in determining that date, regard must be given to the particular circumstances of the case concerned.

The Commission in resolving this problem held in previous

decisions that “the relevant stage is that at which a person concerned has been substantially affected as a result of the suspicion against him.” (See Commission’s Report in European Court of Human Rights, Series B, Neumeister Case, page 81, and the Report concerning application No.4517/70 Huber versus Austria p.30). In the cases just cited the Commission has found that the interrogation of the applicant or of witnesses alone is not sufficient to hold that the applicant is faced with a criminal charge within the meaning of Article 6 (1).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti il-kliem fl-ahhar sentenza jassumi importanza enormi ghax specifikament jghid li l-interrogazzjoni jew smigh biss ta’ rikorrent jew xhieda mhux sufficjenti biex wiehed jirritjeni li r-rikorrent hu akkuzat b’reat kriminali fit-tifsira tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

Fl-applikazzjoni Numru 4483/70: X vs the Federal Republic of Germany, (Collection of Decisions Number 38), il-Kummissjoni qalet hekk:

“The application of paras. (2) and (3) of article 6 is, however, expressly limited to a person” “charged with a criminal offence”. In the circumstances of the present case, the Commission finds that the applicant, when first heard by the police, had clearly not yet become charged with a criminal offence within the meaning of these provision which accordingly do not apply. Similarly, the conduct of the police investigation could not in itself constitute a violation of the applicant’s right, under the general provisions of Article 6 (1) to a ‘fair hearing of the case as this investigation did not involve a ‘determination of a criminal charge.”

Fil-ktieb imsemmi fil-kawza ta’ Longinu Aquilina u cioe’ “Theory and Practice of the European Convention on

Human Rights" ta' P.Van Dyke u G.J.H. van Hoof (Kluwer, second edition) pagna 309 insibu dan il-kliem:

"The Commission decided on a number of occasions that the mere fact that the police are making an investigation or that witnesses are being heard, or that a judicial organ makes a preliminary inquiry, does not yet mean that there is a 'criminal charge."

As a general definition of the concept of 'charge', in the sense of Article 6 (1), the Court has given the following description:

The official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence. (15th July, 1982 Series A 51: Eckle judgement p.33)

***Decizjoni***

Illi minn dak li intqal fuq jirrizulta li meta tkun qedgha ssir inkjesta dwar xi allegat reat, ma tkunx ghada harget akkuza kontra xi hadd. Infatti l-istess rikorrent ilmenta li lanqas biss kien notifikat li qedgha ssir inkjesta u sar jaf biss mill-media. Tant kemm l-inkjesta ma tikkomprendix att ta' akkuza li meta tohrog akkuza l-Magistrat ikollu jieqaf minn l-inkjesta. Ukoll meta tinghalaq inkjesta u tintbaghat lill-Avukat Generali mhix awtomatika li tohrog att ta' akkuza kontra l-persuna li l-Magistrat jidhirlu. L-Avukat Generali ghandu l-obbilgu li jezamina l-Process Verbal u jara hu jekk ghandux johrog xi att ta' akkuza fil-konfront tal-persuna imsemmija jew persuni ohra, jew jista' jhoss li ma hemmx provi sufficjenti li persuna tigi akkuzata b'reat. Jekk jasal ghall-konkluzzjoni li ma ghandiex issir tali akkuza, dik il-persuna

qatt ma tigi akkuzata. Tant kemm fil-kaz in ezami li ma kienx hemm akkuza fil-konfront tar-rikorrent li meta r-rikorrent deher quddiem il-Magistrat hass li ghandu jistaqsiha dwar x'inhu s-suggett tal-inkjesta [ghalkemm fir-rikors hu qal ta' xhiex qieghed jigi akkuzat]. Kieku kien hemm akkuza hu kien irid jigi notifikat bil-miktub bl-akkuza specifika u kien ikun jaf ta' xhiex hu akkuzat. Ukoll peress li ma kienet saret ebda akkuza, kif sostna l-istess rikorrent, hi wegbitu "sexual abuse" li certament ma tistax tammonta ghal akkuza ghax kif semma l-istess rikorrent dan mhux terminu legali fis-sistema lokali. Ghalhekk zgur li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma giex notifikat bin-"nature and cause of accusation against him".

Ta min isemmi li wiehed mill-iskopijiet ta' l-inkjesta hu propju dak li jigi determinat jekk verament giex kommess reat, u fil-kaz affermattiv minn min; u allura kif jista' jkun li tkun harget akkuza fil-konfront ta' xi hadd meta ghada ghaddejja inkjesta.

Ghalhekk ezami akkurat tal-kliem u l-ispirtu li hemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Antikolu 6 tal-Konvenzjoni juru bla ebda dubju li l-garanziji f'dawn l-artikoli japplikaw biss ghal persuna akkuzata. Jekk isir gbir hazin ta' provi matul inkjesta jaghtu dritt lill-persuna akkuzata jinvoka l-artikolu 39 u l-artikolu 6 fil-process fejn dawk il-provi jingiebu quddiem qorti fi process biex tigi determinata xi akkuza kniminali mahruga kontra tieghu."

Ghalhekk minn dak li ghadu kif issemma johrog car li l-garanziji fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw:

F’kaz ta’ meta jkunu qed jigu determinati drittijiet jew obbligi civili;

biss ghal persuna akkuzata b’reat u mhux fil-kors ta’ inkjesta.

Izda fil-kaz in ezami kuntrarjament ghal dak ta’ George Grech ma ghandniex biss inkjesta izda ghandna persuna li giet akkuzata b’reat u li qedgha tattakka dak li sar matul il-kors ta’ l-inkjesta – propju dak li ssemma fl-ahhar bicca tal-parti kkwotata mis-sentenza ta’ Grech:

“Jekk isir gbir hazin ta’ provi matul inkjesta jaghtu dritt lill-persuna akkuzata jinvoka l-artikolu 39 u l-artikolu 6 fil-process fejn dawk il-provi jingiebu quddiem qorti fi process biex tigi determinata xi akkuza kriminali mahruga kontra tieghu.”

Dan iwassal li l-Qorti tichad ukoll il-hames eccezzjoni tal-Avukat Generali.

Nigu issa ghas-sitta w l-ahhar eccezzjoni tal-Avukat Generali – u cioe’ li ma hux minnu li fuq l-iskorta tal-principji stabbiliti mill-Qorti Ewropea l-assistenza legali f'kaz bhal dan hija indispensabbli. Ma gie citat xejn biex jillustra din l-asserzjoni gratuwita tar-rikorrent.

***Ezami tal-gurisprudenza imsemmija mill-partijiet:***

John Murray vs United Kingdom kienet tirreferi ghall-Artikolu 6(1)(2) "right to silence" u 6(1)(3)(c) ghal "access to lawyer" fejn jinghad li 6(3) "may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply… the scheme contained in the Order was such that it was of paramount importance for the rights of the defence that an accused has access to a lawyer at the initial stages of police interrogation. Thus if accused chose to remain silent, adverse inferences may be drawn against him… under such conditions, fairness requires access to a lawyer already at the initial stages of interrogation". Ghalhekk gie ritenut id-dritt ghall-assistenza legali mill-ewwel bhala dritt tal-akkuzat izda hawn ta' min jinnota li jekk l-akkuzat ghazel li ma jirrispondix kien hemm id-dritt tal-inferenzi fil-konfront tieghu.

Averill vs United Kingdom "access to a lawyer was deferred for 24 hours. The applicant was cautioned that adverse inferences could be drawn from his failure to mention facts later relied on in his defence… he had daily access to a lawyer after the initial 24 hours". Eventwalment Averill gie misjub hati u ntqal bl-istess mod dwar l-adverse inferences li setghu saru jekk l-akkuzat ghazel li ma jirrispondix. Dwar l-Artikoli 6(1) u 3(c) inghad "the scheme permitting the drawing of adverse inferences makes it of paramount importance for an accused to have access to a lawyer at the intial stages of police questioning, since the accused is confronted with the fundamental dilemma of whether to remain silent or not… a refusal to allow access to a lawyer during the first 24 hours must still be seen as incompatible with Article 6. In

that period the rights of the defence may well be irretrievably prejudiced and in this case the Judge in fact invoked the applicant's silence during the intial period against him."

Fil-kaz J. B. vs Switzerland il-kwistjoni kienet dwar evazjoni ta' taxxi pero` kif jirrizulta minn paragrafu 64 a fol 96 tal-process titkellem fuq id-dritt "the right to remain silent and the privilege against self incrimination are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of fair procedure under Article 6(1) of the Convention… by providing the accused with protection against improper compulsion by the authorities these immunities contribute to avoiding miscarraige of justice and securing the aims of Article 6…"

Illi ghalhekk minn ezami akkurat tal-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll internazzjonali jirrizulta li l-persuna ghandha d-dritt li meta tkun akkuzata b' reat kriminali jkollha smiegh xieraq fi zmien ragjonavoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b' ligi. Kull min ikun akkuzat b' reat kriminali ghandu jigi nfurmat bil-miktub dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkuzat u moghti zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu kif ukoll ikollu d-dritt jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali sezzjoni 39 para 6(c). Dan id-dritt tar-rapprezentanza legali huwa d-dritt ta' min ikun akkuzat b' reat kriminali. Tali dritt ma jezistix fil-kaz ta' persuna suspettata b' reat u meta jkunu ghadhom biss ghaddejjin investigazzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti anke jekk dawn isiru fil-kors ta' proceduri li jinvolvu l-arrest ta' persuna, l-ghoti

ta' stqarrija inkluz depozizzjonijiet bil-gurament quddiem Magistrat li jkun qieghed imexxi inkjesta. Infatti meta inkjesta tkun ghadha miexja persuna ma tkunx ghadha giet akkuzata b' reat.

Issemmew il-kazijiet ta' Averill u Murray u d-dritt taghhom li jkunu mill-ewwel assistiti b' rapprezentanza legali izda f' dak il-kazijiet dan kien importanti minhabba d-dutrina legali tal-inferences li setghu gew maghmula. Tali inferences ma jistghux isiru fis-sistema legali taghna u ghalhekk tali principju tad-dritt tar-rapprezentanza legali meta bniedem ghadu mhux akkuzat b' reat kriminali ma jistax japplika. Kif issemma aktar 'il fuq specjalment fil-kawza J. B. vs Switzerland hu essenzjali li ssir il-protezzjoni "against improper compulsion by the authorities" izda kif irrizulta mid-depozizzjonijiet kwotati dan b' ebda mod ma sar fil-kaz tar-rikorrent odjern. Hu stess b' ebda mod ma allega li kien hemm xi hadd armat jew li gieghelu jaghmel l-istqarrija izda biss sostna li l-Ispettur Harrison weghdu vantaggi jekk jaghmel l-istqarrija u li quddiem il-Magistrat Meli l-istqarrija ma saritx kif suppost. Haga li din il-Qorti ma thoss li ghandha b' ebda mod temmen lir-rikorrent li l-imsemmi Magistrat Meli ma mexxiex l-istqarrija kif suppost.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssib xejn irregolari f' dak li sar kif allega r-rikorrent. Tilqa' s-sitt eccezzjoni moghtija mill-intimati.

Rigward spejjez l-ewwel erba' eccezzjonijiet a karigu tal-intimati waqt li l-hames u s-sitt wahda a karigu tar-rikorrent.